**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Erbgħa 20 ta` Settembru, 2017**

**Talba Nru: 497/2016PA**

**Gasan Mamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Gasan Zammit Motors Limited skond il-liġi u skond il-polza ta` assigurazzjoni**

**vs**

**Sullivan Maritime Limited bħala aġenti tas-soċjeta` estera Grimaldi Euromed SpA**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-31 ta` Ottubru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallasha s-somma ta` elf, tmien mija, erbgħa u tletin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€1,834.50ċ) rappreżentanti ħsarat u danni sofferti minn Gasan Zammit Motors Limited fil-vettura bix-Chassis number WF 05 XXGCC 5FJ 06432 li ġiet trasportata mill-Italja għal Malta abbord il-vapur Eurocargo Napoli permezz ta` polza ta` kariku rilaxxjata mill-intimati, liema vetturi waslu Malta fit-2 ta` Novembru 2015 (E/Cargo Napoli shipment reference 10900522) u nstab illi meta nħattet mill-vapur tali vettura kellha diversi ħsarat li għalihom hija responsabbli s-soċjeta` trasportatriċi konvenuta, liema somma qalet li ħallsitha lill-assikurat tagħha skond il-liġi u l-polza ta` assikurazzjoni rilaxxjata minnha lil Gasan Zammit Motors Limited, u b'hekk ġiet debitament surrogata , bl-ispejjeż u bl-interessi mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

Ra r-Risposta tas-soċjeta` konvenuta preżentata fl-14 ta` Diċembru 2016 li permezz tagħha l-istess soċjeta` konvenuta eċċepiet li (i) preliminarjament, dan it-Tribunal huwa żvestit mill-ġurisdizzjoni skond klawsola numru 2 tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza ta` kariku in kwistjoni, annessa bħala Dok.'SML1' (fol. 9-11); (ii) fil-mertu, u mingħajr preġudizzju, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda; (iii) fil-mertu u mingħajr preġudizzju, is-soċjeta` attriċi għandha tipprova d-danni li alleġatament ġew ikkaġunat, u jekk din il-prova tinġieb, is-soċjeta` attriċi xorta waħda trid tipprova illi l-istess danni seħħew minħabba xi tort jew negliġenza, jew ommissjoni, da parti tas-soċjeta` konvenuta; (iv) subordinatament u mingħajr preġudizzju, is-soċjeta` attriċi trid tipprova li s-soċjeta` konvenuta ngħatat avviż bil-miktub tat-telf jew ħsara u tan-natura ġenerali ta` dak it-telf jew ħsara lill-vetturali jew l-aġent tiegħu fil-port tal-ħatt qabel jew waqt il-kunsinna tal-merkanzija fil-kustodja tal-persuna li jkollha dritt tirċeviha bis-saħħa tal-kuntratt tal-ġarr, u dan *ai termini* ta` paragrafu 6 tal-Artikolu III tal-Iskeda tal-Att dwar il-Ġarr ta` Merkanzija bil-Baħar (Kap. 140 tal-Liġijiet ta` Malta) kif ukoll skond il-*Hague Visby Rules* li jifformaw parti mil-liġi Taljana li hija mniżżla bħala l-liġi applikabbli skond il-polza ta` kariku; (v) subordinatament, jekk jirriżulta li s-soċjeta` attriċi b'xi mod jirnexxielha tipprova l-alleġati danni u li dawn ġew ikkawżati minħabba xi nuqqas, tort jew negliġenza tas-soċjeta` konvenuta, din it-talba hija xorta waħda limitata skond it-termini u l-kundizzjoniiet tal-polza ta` kariku u skond l-imsemmija *Hague Visby Rules*; (vi) għal kull bwon fini, is-*shipment reference* imniżżla fl-att promotur tas-soċjeta` attriċi hija skorretta u għandha taqra 10800511 u mhux 10900511. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokument anness mal-istess Risposta, ċioe l-polza ta` kariku maħruġa minn Grimaldi Euromed SpA maħruġa fil-port ta` Antwerp fit-13 ta` Ottubru 2015 (fol. 9-11).

Ra l-verbal tal-udjenza tal-14 ta` Diċembru 2016 fejn dan it-Tribunal ordna li jinstemgħu l-provi, u tiġi deċiża, l-ewwel eċċezzjoni sollevata mis-soċjeta` konvenuta dwar in-nuqqas ta` ġurisdizzjoni ta` dan it-Tribunal.

Ra l-affidavit ta` Joseph Bugeja, Managing Director tas-soċjeta` Sullivan Maritime Limited (fol.14-17) li fih iddikjara li s-soċjeta` Sullivan Maritime Limited bħala aġent toffri servizzi ta` trasport bil-baħar, li jinkludu assistenza fejn jidħlu ordnijiet għall-ġarr bil-baħar ta` Ro-Ro Cargo u *Unitised and Conventional Cargo*. Dawn is-servizzi tipprovdihom bħala aġent f'Malta tan-nolleġġjatur barrani. Ix-xogħol tal-ġarr bil-bastimenti minn u lejn Malta jagħmlu dan in-nolleġġjatur barrani. Sullivan Maritime Limited ma tagħmilx dan ix-xogħol hi.

B'mod partikolari, Sullivan Maritime Limited ilha aġent f'Malta għal xi wħud mill-kumpaniji fi ħdan il-Grimaldi Group għall-aħħar 19-il sena. Grimaldi Lines għandha flotta ta` bastimenti li jbaħħru fuq diversi rotot fil-Mediterran. Mis-sena 2006 'l hawn, Grimaldi Group saru l-operatur prinċipali tal-ġarr Roll-on/Roll-off minn u lejn Malta. Dan il-ġarr isir b'bastimenti apposta, li jippermettu li l-vetturi li jitgħabbew fuqhom jittellgħu u jitniżżlu mill-bastiment fuq ir-roti tagħhom, jew bi *platform vehicle*.

Mal-affidavit tiegħu, Joseph Bugeja preżenta kopja oħra tal-Polza ta` Kariku annessa mar-Risposta (fol.18-20). Huwa spjeġa li l-vettura mertu tat-talba kienet tifforma parti minn konsenja ta` 32 vettura li waslu Malta bil-baħar minn Antwerp wara li għaddew minn Salerno. Skond il-polza ta` kariku, il-vetturi tgħabbew fuq il-bastiment minn Cargo net NV bħala aġent ta` Ford-Werke GmbH, u kellhom jiġu konsenjati lil Gasan Enterprises. Il-ġarr sar minn Grimaldi Euromed SpA.

Fost spjegazzjonijiet oħra, Joseph Bugeja qal li l-polza ta` kariku tikkostitwixxi l-kuntratt ta` ġarr, f'dan il-każ bejn Grimaldi Euromed SpA u Gasan Enterprises, liema kuntratt huwa soġġett għat-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fl-istess Polza. Fosthom, ix-xhud semma t-tieni klawsola, intitolata *Law and Jurisdiction,* li tgħid li *'Any and all claims and/or disputes arising under the contract of carriage evidence by the Bill of Lading or in connection the rewith shall be brought before and determined by the Court of Naples and in accordanċe with the law of Italy unless othe rwise provided herein'*.

Joseph Bugeja rrefera wkoll għat-termini u l-kundizzjonijiet tas-soċjeta` Sullivan Maritime Limited (fol.21-30), li qal li kienu disponibbli fuq il-*website* tal-kumpanija mmexxija minnu sa minn Ġunju 2015, u għadhom aċċessibbli għall-pubbliku sallum. B'mod partikolari, huwa rrefera għall-klawsola 4.1 li permezz tagħha l-istess Sullivan Maritime Limited teżimi ruħha mir-responsabbilta` għal danni kaġunati mill-prinċipal tagħha.

In kontro-eżami[1], Joseph Bugeja xehed li l-Polza ta` Karigu tidher maħruġa fuq Gasan Enterprises Limited, li mad-daqqa t'għajn hija kumpanija differenti minn Gasan Zammit Motors Limited. Qal li Sullivan Maritime Limited ma kinetx involuta fil-kuntrattazzjoni ta` dan is-servizz ta` ġarr bil-baħar. Qal li r-responsabbilta` tal-prinċipali Grimaldi Euromed SpA waqfet malli l-bastiment tagħha li biħ eżegwiet dan il-kuntratt ta` ġarr rabat mal-moll f'Malta. Minn hemm sakemm il-vettura waslet fil-*car compound,* kien responsabbli għaliha t-*terminal operator*, ċioe Valletta Gateway Terminals (VGT), li huwa responsabbli mill-ħatt tal-merkanzija minn fuq il-bastiment. Il-ħatt isir fiżikament mill-ħaddiema tal-port, li pero' tinkarighom il-VGT. Qal li fuq ir-rampa tal-bastiment ma ssirx spezzjoni tal-vetturi, imma sempliċement għadd tal-vetturi li jkunu waslu. L-ispezzjoni ssir fil-*compound* tal-VGT. F'dan kollu, Sullivan Maritime Limited pero' ma tidħolx. Xogħolha kien biss li tiġbor il-*freight charges* għall-prinċipal tagħha, u li tibdel il-*bill of lading* mad-*delivery order*.

Is-soċjeta` attriċi ressqet b'xhud tagħha lil John Galdes, Senior Manager fil-Claims Department tas-soċjeta` attriċi Gasan Mamo Insurance Limited. Fl-affidavit tiegħu[2], Galdes iddikjara li s-soċjeta` attriċi kienet assikurat konsenja ta` vetturi Ford li kellhom jiġu Malta minn Antwerp abbord il-bastiment Eurocargo Napoli, għall-assikurat tagħha Gasan Zammit Motors Limited. Dawn il-vetturi waslu Malta f'Novembru 2015. Irriżulta li kien hemm diversi ħsarat fuq vettura partikolari, bix-Chassis number WFO5XXGCC5FJ06432, liema ħsarat ammontaw għal €1,834.50ċ. Is-soċjeta` attriċi

[1] Ara xiehda, 22.02.2017, fol.41-43
[2] fol.51

ħallset dan l-ammont lill-assikurat tagħha, u ġiet surrogata fid-drittijiet tiegħu, filwaqt li pproċediet biex tirkupra dan il-ħlas.

John Galdes iddikjara li l-ħatt u l-konsenja ta` din il-vettura sar f'Malta, ix-xiehda kollha li jridu jixhdu għad-determinazzjoni ta` din il-kwistjoni jinsabu f'Malta, u l-partijiet f'din il-kawża huma kumpaniji kummerċjali Maltin.

In kontro-eżami[3], John Galdes xehed li l-polza ta` assikurazzjoni maħruġa mis-soċjeta` attriċi kienet tat-tip *Marine Cargo Open Policy* f'isem Gasan Group of Companies, li tkopri lil Gasan Zammit Motors Limited, u l-kumpaniji l-oħra ta` Gasan Group. Dwar il-polza ta` karigu, Galdes qal li kien laħaq raħa qabel xehed, għalkemm ma kkonfermax li kien raħa wkoll qabel ma s-soċjeta` attriċi ħallset lill-assikurata tagħha. It-tiswijiet in kwistjoni qal li saru minn Gasan Zammit , wara li s-soċjeta` attriċi talbet żewg *survey reports*.

Ra li, fil-kors tas-smigħ tal-provi fuq din l-eċċezzjoni, is-soċjeta` konvenuta qajmet il-kwistjoni tal-leġittimita` attiva tas-soċjeta` attriċi f'din il-kawża[4], minħabba li l-polza ta` kariku turi li l-vettura nġarret għal Gasan Enterprises Ltd. Is-soċjeta` konvenuta ressqet ukoll xi provi dokumentali dwar din il-kwistjoni (fol.53-67).

Ra s-sottomissjonijiet bil-miktub preżentati miż-żewg kontendenti dwar din l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta` ġurisdizzjoni.

Ra li l-kawża kienet differita għall-udjenza tat-13 ta` Ġunju 2017 għas-sentenza fuq din l-eċċezzjoni preliminari.

Ra li fl-udjenza tat-13 ta` Ġunju 2017, dan it-Tribunal issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza u ssolleva ex ufficio l-eċċezzjoni ta` nuqqas ta` kompetenza *ratione materiae*, wara li ra l-**art. 5** u **7**, **547**, **548** u **549** tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

---

[3] Udjenza tad-19 ta` April 2017, fol.71-72
[4] Ara verbal tal-udjenza tat-22 ta` Frar 2017, fol.40

Ra n-Nota ta` Riferenzi preżentata mis-soċjeta` attriċi fl-4 ta` Lulju 2017 dwar din l-eċċezzjoni sollevata *ex ufficio*.

Ikkunsidra li:

Din is-sentenza hija limitata (i) għall-eċċezzjoni ta` nuqqas ta` kompetenza *ratione materiae* ta` dan it-Tribunal, li qajjem l-istess Tribunal *ex ufficio*, minħabba n-natura kummerċjali tal-obbligazzjoni li fuqha s-soċjeta` attriċi tibbaża l-pretensjoni tagħha f'din il-kawża, għab-bażi tal-**art. 5** u **7**, u **547** sa **549** tal-**Kodiċi tal-Kummerċ** (Kap. 13); u (ii) għall-eċċezzjoni tan-nuqqas ta` ġurisdizzjoni ta` dan it-Tribunal sollevata mis-soċjeta` konvenuta.

It-Tribunal ser jitratta l-ewwel l-eċċezzjoni jekk għandux kompetenza *ratione materiae* jiddetermina din il-kawża.

Filwaqt li s-soċjeta` konvenuta għażlet li tirrimetti ruħha fuq din l-eċċezzjoni, is-soċjeta` attriċi argumentat kontra din l-eċċezzjoni għab-bażi tad-diversi istanzi li fihom dan it-Tribunal, diversament kompost, u l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), trattaw u ddeċidew materji li jirrigwardjaw obbligazzjonijiet ta` natura kummerċjali, u wkoll għab-bażi tan-nuqqas ta` eċċezzjoni espressa f'dan ir-rigward fl-**art. 47** tal-Kap. 12, u fl-**art. 3** tal-Att dwar it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar (Kap. 380), li jistipulaw li l-Qorti, u t-Tribunal, għandhom rispettivament kompetenza biex jisimgħu u jiddeċiedu *'l-pretensjonijiet kollha'*[5] u *'t-talbiet kollha'*[6] sal-valuri ta` €15,000 u €5,000. Iż-żewġ disposizzjonijiet jagħmlu eċċezzjoni espressa għall-kompetenza ta` dawn il-Qorti u t-Tribunal fir-rigward ta` *'kwistjonijiet dwar proprjeta` ta` beni immobbli, piżijiet jew jeddijiet oħra mgħaqqdin mal-immobbli ... u kawżi ta` żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli'*[7].

---

[5] **Art. 47(1)**, Kap. 12
[6] **Art. 3(2)**, Kap. 380
[7] **Art. 3(5)**, Kap. 380; ara wkoll **Art. 47(3)** tal-Kap. 12

Is-soċjeta` attriċi fil-prinċipju taqbel li l-mertu tat-talba tagħha jirrigwardja obbliġazzjoni kummerċjali, pero' ma trattat xejn dwar it-tifsira u l-applikabilita` tal-**art. 547** sa **549** tal-**Kodiċi tal-Kummerċ**:

*Ġurisdizzjoni kummerċjali.*

**547.** Il-ġurisdizzjoni kummerċjali hija eżerċitata mill-**Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta` Orġanizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

*Kwisjonijiet ta` natura kummerċjali.*

**548.** Huma ta` natura kummerċjali -

(*a*) il-kwistjonijiet kollha dwar obbliġazzjonijiet u kuntratti bejn kummerċjanti, jekk ma jidhirx mill-att innifsu li l-affari hija purament ċivili;

(*b*) il-kwistjonijiet kollha dwar atti ta` kummerċ bejn kull xorta ta` persuni.

*Kwistjonijiet oħra li tiddeċiedi l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.*

**549.** Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tiddeċiedi wkoll -

(*a*) azzjonijiet kontra aġenti jew persuni oħra inkariġati minn kummerċjanti, u s-subalterni tagħhom, għall-operazzjonijiet biss magħmulin fil-kors ordinarju tal-kummerċ tal-prinċipal tagħhom; u azzjonijiet ta` dawk hawn fuq imsemmija l-ewwel, kontra l-prinċipal;

(*b*) dak kollu li għandu x'jaqsam mal-fallimenti skont iddispożizzjonijiet ta` dan il-Kodiċi.

L-**art. 3** tal-<u>Att dwar Tribunal Għal Talbiet Żgħar</u> jipprovdi li:

**3.** (1) Għandu jkun hemm Tribunal li jkun magħruf bħala t-Tribunal għal Talbiet Żgħar.

(2) **Bla ħsara għas-subartikolu (5)**, it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni **biex jisma' u jaqta` biss it-talbiet kollha ta` flus ta` ammont ta` mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)**:

Iżda fil-kalkolu tas-somma msemmija f'dan is-subartikolu, ma jitqiesux id-drittijiet u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-istess talba.

...

(5) Kawżi li fihom jindaħlu kwistjonijiet dwar proprjetà ta`beni immobbli, piżijiet jew jeddijiet oħra mgħaqqdin mal-immobbli, għad li t-talba ma tkunx tiskorri ħamest elef euro (€5,000), u kawżi ta` żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli ma jidħlux fil-ġurisdizzjoni tat-Tribunal.

Qabelxejn, dan it-Tribunal ser jeżamina t-talba tas-soċjeta` attriċi kif impustata, u jekk din għandhiex natura kummerċjali fit-termini tal-**art. 548** tal-Kodiċi tal-Kummerċ. It-talba attriċi hija diretta għall-ħlas tad-danni li tgħid li soffra l-assikurat tagħha, konsistenti fi ħsarat f'vettura li ġiet trasportata fuq bastiment tal-kumpanija estera rappreżentata f'Malta mis-soċjeta` konvenuta. Is-soċjeta` attriċi tissodisfa d-definizzjoni ta` *'kummerċjant'*, fit-termini tal-**art. 7** tal-Kodiċi tal-Kummerċ, u hekk ukoll is-soċjeta` konvenuta. Il-kawżali tat-talba huma konnessi mal-polza ta` karigu li kienet tirregola l-kuntratt ta` ġarr bejn is-soċjeta` estera u l-assikurat tas-soċjeta` attriċi. Is-soċjeta` attriċi pproċediet b'din il-kawża kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha.

It-Tribunal huwa konxju li fis-sentenza **Formosa & Camilleri Ltd vs Sea Malta Company Limited et**[8], il-Qorti tal-Appell iddipartiet minn ġurisprudenza anterjuri u iddeċidiet li *'kawża dwar sigurta` marittima hija kawża bejn l-assikuratur u l-assikurat tiegħu naxxenti mill-fatt li hemm polza ta` sigurta` marittima ... fil-kawża in eżami l-azzjoni hija invece waħda ta` danni bejn l-assikuratur – in kwantu pero' daħal 'fiż-żarbun' tal-assikurat tiegħu in vista tas-surroga – kontra t-terz. Bil-fatt biss li s-surroga setgħet isseħħ in forza ta` polza ta` assikurazzjoni eżistenti bejn l-assikuratur u l-assikurat danneġġjat ma jbiddilx in-natura ta` l-azzjoni minn waħda ta` riżarċiment ta` danni għal waħda ta` sigurta` marittima ... Din il-Qorti tirrikonoxxi li dan l-insenjament odjern jikkostitwixxi strapp minn dak illi ġie ritenut u deċiż fis-sentenzi ċitati mill-appellant imma kif kellha ġja okkażjoni tgħid impliċitament l-ewwel Qorti, fis-sistema legali patriju m'għandniex ir-regola anglo-sassona tal-'preċedent' mibnija fuq il-kunċett ta` li 'stare decisis'. Is-sistema tagħna tippermetti għalhekk bdil ta` posizzjoni minn dak li jkun ġie deċiż in kuntrarju f'sentenza preċedenti fuq mertu simili'*.

Wara li ħaseb fit-tul, u ra l-liġi u l-ġurisprudenza anterjuri, fosthom is-sentenza studjata **Leslie Causon nomine vs Godwin Abela nomine**[9] u l-ġurisprudenza hemm ċitata, dan it-Tribunal jiddikjara li ma jaqbilx mal-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Formosa & Camilleri Ltd vs Sea Malta Company Limited et**. It-Tribunal

[8] 20.03.2001
[9] Appell Inferjuri, 22.3.1995

huwa tal-fehma li l-obbligazzjoni mertu ta` din il-kawża għandha natura kummerċjali, fit-termini tal-**art. 547** tal-**Kodiċi tal-Kummerċ**, kemm għaliex qed issir minn kummerċjant, fil-kors tar-relazzjoni ta` negozju li għandu mal-assikurat tiegħu, kemm għaliex qed issir kontra kummerċjant ieħor in konnessjoni mal-attivita` kummerċjali tal-prinċipal tiegħu, u anke għaliex it-talba tirrigwardja kuntratt ta` ġarr marittimu, u r-risoluzzjoni tagħha teħtieġ l-interpretazzjoni ta` polza ta` karigu. Kif jingħad fis-sentenza **Causon nomine vs Abela nomine**, *'il-liġi tagħna tidher illi trid, illi drittijiet naxxenti minn materji relatati ma' baħar, ma' navigazzjoni, ma' assikurazzjoni marittima, għandhom ikunu materja ta` konjizzjoni ta` Qorti ta` Kummerċ u mhux ta` Qrati oħrajn. Dan apparti milli l-artikolu 5(g) tal-Kodiċi tal-Kummerċ jelenka proprju l-assikurazzjoni kemm marittima kemm mhijiex bħala att oġġettiv tal-kummerċ ... Anke jekk l-azzjoni preżenti verament hija waħda ta` danni, fl-istess ħin ma jistax ikun hemm xissjoni a priori mill-istess assikurazzjoni marittima, il-għaliex id-drittijiet ta` l-attur jiskaturixxu proprju minn hemm ... mhux biżżejjed li jingħad illi l-eżistenza tal-polza ta` l-assigurazzjoni hija biss mariġinali u aċċidentali u rilevanti biss jekk tqum xi kwisjtoni dwar il-validita` tagħha'.*

Stabbilita n-natura kummerċjali tal-obligazzjoni mertu ta` din il-kawża, it-Tribunal ser jgħaddi biex jikkunsidra jekk hux kompetenti li jisma' u jiddetermina din it-talba. Il-kwistjoni li qajjem dan it-Tribunal tiskaturixxi mill-kunflitt li jeżisti mad-daqqa t'għajn bejn id-disposizzjoni fl-**art. 547** tal-**Kodiċi tal-Kummerċ** li tgħid li l-kompetenza kummerċjali għaddiet għand il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wara li spiċċat il-Qorti tal-Kummerċ bl-Att XXIV tal-1995[10], u d-disposizzjoni fil-liġi li ħolqot dan it-Tribunal speċjali li tgħid li dan it-Tribunal huwa kompetenti jiddeċiedi '*biss it-talbiet kollha ta` flus ta` ammont ta` mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)'*, fejn ma jirrigwardjawx kwistjonijiet dwar proprjeta` immobbli, drittijiet reali jew żgumbrament minn proprjeta` immobbli.

[10] Att Biex Jemenda l-Kodiċi ta` Orġanizzazzjoni u Proċedura Ċivili

Dwar il-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li hija waħda mid-diversi sezzjonijiet tal-Qorti Ċivili, u tifforma parti mill-Qrati Superjuri ta` Malta, l-**art. 32(2)** tal-Kap. 12 jipprovdi li:

> **32.** …
> (2) Il-Qorti Ċivili taqta` **l-kawżi kollha ta` natura ċivili jew kummerċjali**, u dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom.

Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza **Atlas Insurance PCC Limited vs GMC Transport Company Limited et**[11] elenkat b'mod dettaljat l-iżvilupp tal-kompetenza tal-Qrati f'Malta dwar kwistjonijiet ta` natura kummerċjali. Qabel daħal fis-seħħ l-Att XXIV tal-1995, il-Qorti tal-Kummerċ kellha l-kompetenza tiddetermina kwistjonijiet ta` natura kummerċjali, kif definiti bl-**art. 548** tal-Kodiċi tal-Kummerċ, li ma kinux jidħlu fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) minħabba fil-valur. L-**art. 36(2)** tal-Kap. 12, qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-1994 kien jipprovdi li *'Il-Qorti tal-Kummerċ tieħu konjizzjoni tal-kawżi kollha ta` natura kummerċjali jew li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ ... meta dawn il-kawżi ma jkunux ta` kompetenza tal-qrati inferjuri.'*

L-Att XXIV tal-1995, li allura abolixxa l-Qorti tal-Kummerċ, fl-**art. 362(8)** ipprovda li *'F"kull liġi, kull referenza għall-"Qorti tal-Kummerċ" u għar-"Reġistratur tal-Qrati Superjuri" għandha rispettivament titqies bħala referenza għall-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" u għar-"Reġistratur tal-Qrati"'.*

Din il-liġi bidlet ukoll l-**art. 32** tal-Kap. 12, li ġie jaqra hekk:

> **32.** (1) Wiehed mill-imħallfin joqgħod fil-Prim' Awla tal·Qorti Ċivili.
>
> (2) II-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili taqta` l-kawżi kollha ta` natura ċivili u kummerċjali, u dawk il-kawżi l-oħra kollha li 1-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom jew

[11] 27.10.2014, per. Mag. Marse-Ann Farrugia

li s'issa dik il-Qorti, jew il-Qorti tal-Kummerċ, ħadet konjizzjoni tagħhom, sakemm dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra ma jkunux ipprovdew mod ieħor.

(3) Iżda din il-qorti ma tieħux konjizzjoni ta` kawżi ta` kompetenza tal-qrati inferjuri tal-Qrati ta` Malta ħlief meta dawn il-kawżi ma jkunux saru minn jew kontra l-Gvern ta` Malta, f'liema każ, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-limiti tal-kompetenza ta` dawn il-qrati inferjuri, għandha magħhom kompetenza konkorrenti, bla ħsara għal kull disposizzjoni oħra tal-liġi.

Dan it-Tribunal ġie kostitwit bl-Att V tal-1995, li daħal fis-seħħ fis-16 ta` Ottubru 1995[12], u ċioe 15-il jum wara d-dħul fis-seħħ tal-**art. 362(8)** tal-Att XXIV tal-1995. Id-dibattitu Parlamentari dwar l-introduzzjoni ta` dan it-Tribunal inżamm fl-istess żmenijiet li ġew diskussi l-emendi tal-proċedura ċivili, inkluż it-tneħħija tal-Qorti tal-Kummerċ.

Għalkemm kif qalet sewwa il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza **Atlas Insruance PCC Limited vs GMC Transport Company Limited et**, il-parametri tal-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ġew kemmxejn ofuskati bl-emendi li daħħal l-Att XXXI tal-2002, li neħħa l-esklużjoni li kien hemm qabel dwar il-kawżi li jaqgħu fil-kompetenza tal-qrati inferjuri, dan ftit li xejn jimpinġi fuq il-kwistjoni li għandu quddiemu dan it-Tribunal illum billi l-istess Tribunal ma jiffurmax parti mill-qrati ċivili, inferjuri jew superjuri, ta` Malta, kemm għaliex ma jissemmiex bħala wieħed minnhom fil-**Kodiċi ta` Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**[13], u anke għaliex l-Att V tal-1995 li kkostitwixxa dan it-Tribunal żied fil-Kap. 12 l-**art. 56A**, li jipprovdi li:

**56A.** Minkejja kull disposizzjoni ta` dan il-Kodiċi l-**qrati inferjuri ma għandhom jieħdu konjizzjoni ta` xi talba li taqa' fil-ġurisdizzjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar imwaqqaf taħt l-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar.**

[12] L.N. 141/1995
[13] Titolu II u III tal-Ewwel Ktieb

Din id-disposizzjoni tagħmilha ċara li dan it-Tribunal mhuwiex *'qorti'*, imma tribunal amministrattiv jew kważi-ġudizzjarji, b'kompetenza speċjali ristretta bit-termini tal-liġi li ħolqitu.

Issa, huwa minnu li in kwantu jirregola biss dan it-Tribunal, l-Att dwar it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar (Kap. 380) huwa liġi speċjali, u r-regola tal-interpretazzjoni tgħidilna li l-*'lex specialis derogat generalis'*, pero' t-Tribunal jidhirlu li, in kwantu l-Kodiċi tal-Kummerċ jirregola biss l-atti kummerċjali, u l-kummerċjanti, u f'dak ir-rigward jidderoga kemm mil-liġi ġenerali ta` natura ċivili, u anke mil-liġi proċedurali ċivili, allura l-istess Kodiċi tal-Kummerċ għandu jitqies bħala liġi speċjali meta mqabbel mal-Kodiċi ta` Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. B'hekk, il-Kodiċi tal-Kummerċ jiġi għandu l-istess natura ta` liġi speċjali bħall-Att dwar it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, u filwaqt li l-Kodiċi tal-Kummerċ ivesti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta` Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, bil-kompetenza li tisma' u tiddeċiedi kawżi dwar kwistjonijiet ta` natura kummerċjali (**art. 548**, Kap. 13), l-Att dwar it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar ma jidderogax minnu meta jvesti lil dan it-Tribunal bil-kompetenza li jiddeċiedi *'biss it-talbiet kollha ta` flus ta` ammont ta` mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000).'* Kieku l-leġislatur ried ivestiħ ukoll bil-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi kwistjonijiet ta` natura kummerċjali, fl-**art. 3(2)** minbarra l-kwalifika ta` *'Bla ħsara għas-subartikolu (5)'*, kien iżid il-kwalifika li din il-kompetenza ġenerali tapplika minkejja d-disposizzjonijiet ta` kull liġi oħra.

Filwaqt li dan it-Tribunal huwa konxju li f'diversi istanzi, dan it-Tribunal tratta u ddeċieda talbiet ta` indoli kummerċjali, huwa jqis li l-kompitu primarju tiegħu huwa li jwettaq, fil-kawżi li jiġu quddiemu, ir-rieda tal-Parlament, kif espressa fil-liġijiet. Il-liġi trid li l-ebda qorti jew tribunal ma jisma' jew jiddeċiedi kawża lil ħinn mis-setgħat mogħtija, u l-kompetenza vestita fih bil-liġi. Huwa għalhekk li l-kwistjoni tal-kompetenza hija waħda mill-ftit kwistjonijiet li t-tribunal huwa obbligat li jinvestiga b'inizjattiva tiegħu, anke jekk ma jkunx hemm kontestazzjoni mill-partijiet.[14]

---

[14] **Art. 774**, Kap. 12

F'dan il-każ, anke jekk l-emendi li ġew introdotti fl-aħħar snin fil-liġijiet tal-proċedura ma kinux ċari biżżejjed, jew f'armonija sħiħa mal-iżviluppi l-oħra fil-leġislazzjoni, jibqa' l-fatt li l-Kodiċi tal-Kummerċ għadu viġenti, b'reġim separat mill-Kodiċi Ċivili, intiż biex jipproteġi l-interessi differenti fir-relazzjonijiet kummerċjali bl-iskop ċar li ma jiġix stultifikat in-negozju, u fl-istess ħin tiġi rispettata b'distinżjoni l-liġi u l-prattika kummerċjali. Sfortunatament, fl-aħħar deċenni, mhux dejjem ingħata l-apprezzament mistħoqq lil din ir-realta` ġuridika tagħna, possibilment fl-isforż dikjarat biex il-kawżi jinstemgħu u jiġu deċiżi kemm jista` jkun malajr, u bl-anqas xkiel proċedurali possibbli. Għalkemm dawn l-oġġettivi huwa lkoll siewja, u jaqdu l-interessi ġenerali tal-Istat, u taċ-ċittadini individwali, l-ottjeniment tagħhom ma jiġġustifikax li dan it-Tribunal jiskarta l-liġi.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija, it-Tribunal jiddikjara li m'għandux kompetenza *ratione materiae* biex jisma' u jiddeċiedi din it-talba, u konsegwentement jillibera lis-soċjeta` konvenuta mill-osservanża ta` dan il-ġudizzju.

Minħabba fil-motivazzjonijiet ta` din is-sentenza, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**